



*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel
Il-President*

17.7.2020GR/av

D(2020) 22163

Is-Sur Johan Van Overtveldt
Il-President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: **Opinjoni dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea
(2018/0135(CNS))**

Sur President,

Minħabba l-iskeda ta' żmien stretta ħafna fil-Kumitat BUDG, il-Kumitat ENVI mhux ser ikun jista' jivvota fil-ħin fuq l-abbozz ta' opinjoni tiegħu dwar is-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-UE. Għalhekk, bħala l-President tal-Kumitat ENVI, flimkien mar-Rapporteur tal-Kumitat ENVI għall-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-UE, is-Sinjura Esther de Lange, ippermettietli nipprovdi l-kontribut tal-Kumitat ENVI fil-forma ta' paragrafi ta' rizzoluzzjoni, li wieħed jittama li jitqiesu mill-kumitat tiegħek:

1. Jinsisti li l-Istrument tal-UE tal-Ġenerazzjoni li Jmiss għandu jkun akkumpanjat minn pjan ta' ħlas lura kredibbli, li għandu jinbeda diġà taħt il-QFP li jmiss jekk is-sitwazzjoni ekonomika tippermetti, permezz tal-istabiliment ta' riżorsi proprji ġodda tal-UE, sabiex jiġi evitat li l-ħlas lura jkollu impatt negattiv fuq il-ġenerazzjonijiet futuri jew QFP futuri; jemmin, barra minn hekk, li r-riżorsi proprji ġodda fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 jipprovdu opportunità biex in-naħa tad-dħul fil-baġit tal-UE ssir aktar sostenibbli u trasparenti, biex l-UE ssir aktar awtonoma u, fl-aħħar mill-aħħar, biex isir użu aħjar tas-setgħa trasformattiva tal-baġit tal-UE;
2. Itenni, għalhekk, li r-riforma u l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda mill-2021 huma prerekwiżit għall-kunsens tal-Parlament għall-QFP li jmiss;
3. Jitlob l-introduzzjoni mill-2021 ta' basket ta' riżorsi proprji ġodda li jkunu kompletament konformi mal-politiki tal-Unjoni dwar, inter alia, l-ambjent, is-saħħa u l-

klima, u jitlob li jintlaħaq ftehim malajr dwar dispożizzjoni legalment vinkolanti u skeda ta' żmien għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji addizzjonali fil-QFP li jmiss;

4. Jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu li tappoġġa riżorsi proprji ġodda, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-Unjoni dwar l-ambjent, is-saħħa u l-klima, u fosthom sehem sinifikanti tad-dħul mill-iskema għan-negożjar ta' emissjonijiet, kontribuzzjoni fuq il-plastik u mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri;
5. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-proposta għal riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat; jissottolinja li l-effett ta' direzzjoni tiegħu jrid jagħti prijorità lill-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart; jitlob li jkun hemm mekkaniżmi effikaċi ta' reġistrazzjoni u kontroll u kjarifika tal-metodu ta' kalkolu;
6. Itenni t-talba tiegħu għal sehem sinifikanti ta' sistema estiża għan-negożjar ta' emissjonijiet (ETS) li għandha titqies bħala riżorsa proprja sabiex jiġu appoġġati proġetti tal-Unjoni, bħall-enerġija rinnovabbli, il-ħżin u l-interkonnessjonijiet, kif ukoll investimenti fl-innovazzjoni rivoluzzjonarja b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-industrija, li jkunu konformi mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-għanijiet tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija, b'mod partikolari l-objettiv tal-2050 dwar in-newtralità klimatika; iqis li dan m'għandux imur kontra l-baġits nazzjonali ddedikati għall-politika dwar il-klima u l-enerġija (peress li 50 % tad-dħul huwa allokat għal dan il-għan fid-Direttiva dwar l-ETS (id-Direttiva 2003/87/KE));
7. Jemmen li, fin-nuqqas ta' miżuri internazzjonali armonizzati dwar it-tassazzjoni tal-pitrolju, għandha tiddaħħal fis-seħħ fil-livell tal-UE kontribuzzjoni fuq l-avjazzjoni bbażata fuq il-kontenut ta' karbonju bħala potenzjal ta' riżorsa proprja biex tipprovdi aktar inċentivi għal riċerka, żvilupp u investiment f'inġenji tal-ajru u ffjuwils aktar effiċjenti u b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, u biex jitrażżnu l-emissjonijiet dejjem akbar tal-avjazzjoni filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni aktar ġusta fis-settur tat-trasport;
8. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta dwar Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri fl-2021 bħala riżorsa proprja ġdida għall-baġit tal-Unjoni bil-ħsieb li tiġi introdotta sal-1 ta' Jannar 2023, b'kompatibbiltà sħiħa mar-regoli tad-WTO, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fil-kummerċ internazzjonali u jitnaqqsu l-emissjonijiet u r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, filwaqt li jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni negattivi tal-prodotti importati;
9. Jinsisti li r-rikavati li jirriżultaw mir-riżorsi proprji ġodda għandu jkollhom l-għan li jkopru l-ispejjeż tal-ħlas lura tal-ammonti mislufa taħt l-Istrument tal-UE tal-Ġenerazzjoni li Jmiss; jemmen li kwalunkwe ammont iġġenerat minn dawn ir-riżorsi proprji ġodda lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġu koperti l-obbligi ta' ħlas lura għandu jgħaddi għall-baġit tal-UE biex jiffinanzja l-prijoritajiet tal-Unjoni;
10. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni bħala punt ta' tluq għal żieda immedjata u permanenti tal-limitu massimu tar-Riżorsi Proprji biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-QFP u biex jiġu

kkunsidrati l-konsegwenzi mistennija tal-Brexit, kif ukoll żieda temporanja addizzjonali tal-limitu massimu għal 2 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross tal-UE meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-Fond ta' Rkupru u ta' Reżiljenza, iġarrbu r-responsabbiltà tas-self relatat mal-fondi u l-fattur tat-tnaqqis tal-ING antiċipat wara r-riċessjoni kkawżata mill-kriżi;

Jiena bgħatt ittra simili lil José Manuel FERNANDES u lil Valérie HAYER, korapporteurs tal-Kumitat BUDG għas-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-UE.

Dejjem tiegħek,

Pascal CANFIN